DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/660

tad-19 ta' April 2021

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2020/491 dwar l-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni u l-eżenzjoni mill-VAT fuq l-importazzjonijiet tal-merkanzija meħtieġa biex jiġu miġġielda l-effetti tat-tifqigħa tal-COVID-19 matul l-2020

(notifikata bid-dokument C(2021) 2693)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/132/KE tad-19 ta' Ottubru 2009 li tiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 143(b) u (c) tad-Direttiva 2006/112/KE dwar l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-importazzjoni finali ta' ċerti oġġetti ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali ([2]), u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 76 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/491 ([3]) kif emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2020/1573 ([4]) teżenta mid-dazji fuq l-importazzjoni u teżenta mit-taxxa fuq il-valur miżjud ('VAT') fuq l-importazzjonijiet tal-merkanzija meħtieġa biex jiġu miġġielda l-effetti tat-tifqigħa tal-COVID-19 sat-30 ta' April 2021.

(2) Fit-3 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri f'konformità mal-premessa (5) tad-Deċiżjoni (UE) 2020/491 dwar jekk kinitx meħtieġa estensjoni oħra, u wara dan l-Istati Membri talbu għal estensjoni tal-eżenzjoni.

(3) L-importazzjonijiet li jsiru mill-Istati Membri skont id-Deċiżjoni (UE) 2020/491 kienu ta' benefiċċju biex l-organizzazzjonijiet tal-Istat jew l-organizzazzjonijiet approvati mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jingħataw aċċess għall-mediċini meħtieġa, għall-apparat mediku u għat-tagħmir protettiv personali li hemm nuqqas tagħhom. L-istatistika dwar il-kummerċ fir-rigward ta' tali merkanzija tindika li l-importazzjonijiet relatati magħhom qegħdin jonqsu iżda għadhom sinifikanti. Minkejja l-bidu tat-tilqim fl-Istati Membri kollha u l-għadd ta' miżuri li ttieħdu biex il-virus ma jinfirixx, l-għadd ta' infezzjonijiet tal-COVID-19 fl-Istati Membri għadu ta' riskju għas-saħħa pubblika. Issa li l-Istati Membri għadhom jirrapportaw nuqqas ta' merkanzija meħtieġa fil-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19, jenħtieġ li l-perjodu tal-applikazzjoni tal-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjonijiet u tal-eżenzjoni mill-VAT, previst fid-Deċiżjoni (UE) 2020/491, jiġi estiż.

(4) B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li l-iskadenza biex l-Istati Membri jirrapportaw fir-rigward tal-issodisfar tal-obbligi tad-Deċiżjoni (UE) 2020/491 tiġi estiża wkoll.

(5) Fil-25 ta' Marzu 2021, l-Istati Membri ġew ikkonsultati dwar l-estensjoni mitluba f'konformità mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 76 tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009 u mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tad-Direttiva 2009/132/KE.

(6) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni (UE) 2020/491 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

([1]) ĠU L 292, 10.11.2009, p. 5.
([2]) ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23.
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/491 tat-3 ta' April 2020 dwar l-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni u l-eżenzjoni mill-VAT fuq l-importazzjonijiet tal-merkanzija meħtieġa biex jiġu miġġielda l-effetti tat-tifqigħa tal-COVID-19 matul l-2020 (ĠU L 103I, 3.4.2020, p. 1).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1573 tat-28 ta' Ottubru 2020 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2020/491 dwar l-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni u l-eżenzjoni mill-VAT fuq l-importazzjonijiet tal-merkanzija meħtieġa biex jiġu miġġielda l-effetti tat-tifqigħa tal-COVID-19 matul l-2020, (ĠU L 359, 29.10.2020, p. 8).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (UE) 2020/491 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2022:";

(2) fl-l-Artikolu 3, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Artikolu 1 għandu japplika għall-importazzjonijiet li jsiru mit-30 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2021.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' April 2021.

Għall-Kummissjoni
Paolo GENTILONI
Membru tal-Kummissjoni